

# Il-Knisja l-Qadima tal-Kalkara

**Mario Fenech**

Ftita taż-żmien ilu saru attivitajiet fil-Belt u fil-Floriana biex jiġi mfakkar għeluq is-70 sena minn meta r-Re Ġorġ V tal-Ingilterra kien ta lill-Poplu Malti l-"George Cross" għal Qlubija li wera matul iż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinija.

Il-Poplu tal-Kalkara kellu parti importanti f'din il-Paġna tal-Istorja ta' Malta. Id-Dawra ta' madwar il-Bajja tal-Kalkara waqt il-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinija rat fiha numru kbir ta' braken tal-faħam, opri tal-Gwerra, nies tas-Servizzi Ingliżi neżlin l-Art u fuq kollox, sfortunatament, għadd kbir ta' bombi neżlin mill-ajruplani tal-gwerra Taljani u Ġemaniżi.

Dawn il-bombi kellhom effett ikrah fuq il-Poplu tal-Kalkara, tant li l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp inqerdet għal kollox u magħha ntilfu ħafna Opri Sagri li kient imżejna bihom.

Fost dawn l-Opri saħansitra l-Istatwa Titulari ta' San Ġużepp l-qadima xogħol tal-Istatwarju Wistin Camilleri, li wara li ħelsitha mill-qilla tal-bombi spiċċat fix-xejn wara li kien għereq il-maħżen fejn kienet merfugħa fih bl-ilma tax-xita.



Il-Knisja li tidher sew f'dan ir-ritratt bdiet tinbena fuq il-pjanta tal-Arkitett W. Attard f'Ġunju tas-sena 1890. L-art li ġiet mibnija fuqha l-Knisja fi Triq Rinella kienet ġiet mogħtija nofsha mill-Benestant Fortunat Gulia u n-nofs l-ieħor mill-Kolleġġjata ta' Bormla.

Kien ħadem ħafna u ħareġ somom kbar ta' flus għal dan il-bini l-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi. Ħadet ftit taż-żmien mhux ħażin biex tlestiet għaliex il-fondi kienu ftit skarsi. Il-Knisja kient waħda mdaqqsa b'tul ta' 100 pied u 67 pied wiesa.

Meta tlesta l-Kampnar Mikielang Sapiano ħadem l-Arloġġ li kien b'erba' faċċati. Dan tpoġġa fil-post fis-sena 1873. Meta tlestiet il-Knisja tbierket mill-Vigarju Dun Ġużepp Mercieca u saret Parroċċa b'digriet tal-Isqof Pietru Pace nhar il-11 ta' Diċembru 1898. Il-Knisja ġiet solennament ikkonsagrata mill-Isqof Dun Mauro Caruana nhar it-30 ta' Jannar 1921.

Matul is-snin il-Kappillani li mexxew din il-Parroċċa ħadmu bla waqfien flimkien mal-Poplu tal-Kalkara biex xejnu lil din il-Knisja bl-isbaħ opri. Dawn damu jitgawdew mill-Poplu tal-Kalkara sa nhar l-10 t'April 1942 meta l-Bombi qerrieda tal-għadu ġarrfu għal kollox din il-Knisja, frott tant għaraq tal-Kalkariżi.

F'dan ir-ritratt ninnotaw it-tibdil li seħħ matul is-snin minn mindu kien ġie miġbud dan ir-ritratt. Il-Knisja l-Qadima tidher sew, filwaqt li l-bini ta' mad-dawra tal-bajja inbidel xi ftit filwaqt li nfetħet it-Triq li twasslek lejn l-Isptar Bighi u r-Rinella.

Jidhru numru kbir ta' dgħajjes tal-pass fil-bajja li kienu jintużaw spiss mill-barklori biex iwasslu lill-baħrin mill-vapuri lejn ix-Xatt u lura.

Fir-ritratt jidhru l-għelieqi fejn illum hemm numru ta' djar u l-Każin tal-Banda San Ġużepp. Kien żmien ieħor meta l-Lokalità kienet waħda ferm aktar kwieta minn dik li hija llum.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.



